MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 183/2014

Kawza fil-lista: 27

**A B**

**vs**

**C D u bid-digriet tas-16 ta' Settembru 2014 l-istess C D giet nominata kuratrici ad litem tal-minuri E D u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. “Illi r-rikorrenti A B kellu relazzjoni ma' l-intimata C D;

2. Illi min din ir-relazzjoni, nhar is-26 ta' Novembru 2009, twieled il-minuri E D u billi twieled barra miz-zwieg, il-missier gie registrat bhala missier "mhux maghruf” kif indikat fl-att tat-twelid bin-numru 4176/2009;

3. Illi effettivament missier il-minuri huwa l-attur A B u dan peress illi fiz-zmien meta l-istess E kien ikkoncepit, l-attur u l-konvenuta C D kellhom relazzjoni bejniethom.

4. Illi sabiex jigi kkjarifikat id-dubju tal-patemita' tal-minuri darba ghal dejjem, nhar it-12 ta' Awwissu 2013 l-esponent ipprezenta ittra ufficjali fejn l-intimata giet interpellata tersaq sabiex isiru t-testijiet genetici appositi sabiex tigi stabbilita' b'mod xjentifiku l-paternita' tal-istess minuri;

5. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata u notifikata permezz ta' l-ittra ufficjali hawn fuq indikata, l-intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk l-esponenti qed jikkontendi illi l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-istess intimata;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna illi l-intimata tersaq ghat-testijiet genetici appositi sabiex tigi stabbilita' b'mod xjentifiku l-paternita' tal-minuri E D li twieled fl-26 ta' Novembru 2009;

2. Tordna, fil-kaz illi r-rizultat tat-testijiet genetici appositi jirrifletti illi l-esponent huwa il-missier biologiku tal-minuri, il-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri E D billi fil-kolonna fejn hemm indikat il kliem 'mhux maghruf' tissostitwih bl-isem 'A B';

3. Tordna li l-kunjom tal-minuri, f'kaz illi r-rizultati tat-testijiet genetici juru li 1-esponenti huwa l-missier bijologiku, ikun l-istess kunjom tal-missier naturali u cioe' "B";

4. Tordna, jekk ikun il-kaz, l-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid;

5. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E D tkun kongunta bejn il-partijiet;

6. Tillikwida l-manteniment dovut mill-missier naturali ghall-minuri, u dan skond il-mezzi tieghu;

7. Tordna illi l-missier ghandu jkollu access xieraq ghal minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti minn issa ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D tas-26 ta' Settembru 2014 li permezz taghha issottomettiet:-

1. "Illi fl-ewwel lok il-procedura adottata hija irritwali u dan peress illi sabiex setghet issir il-kawza odjerna in kwantu qed tintalab il-kura u kustodja u access ghall-imsemmi tifel minuri kellhom jigu l-ewwel investiti rikjesti ta' din ix-xorta bil-procedura ta' medjazzjoni u allura kien hemm hemm il-bzonn ta' htiega ta' awtorizzazzjoni ta' dina 1-Onorabbli Qorti qabel ma tigi intavolata l-kawza odjerna, u f'dan ir-rigward l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi kwantu jirrigwarda t-talbiet ta' rikonoxximent ta' paternita', l-esponenti tirrimetti ruhha ghall-provi li talvolta jistghu jingiebu fil-kors ta' dawn il-proceduri.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, kwantu ghat-tielet talba, l-esponenti qieghda topponi bil-qawwa kollha, izda fi kwalunkwe kaz, kunjom ir-rikorrenti ghandu jibqa' jsegwi kunjom it-tifel.

4. Illi kwantu ghar-raba' talba tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti skond il-ligi sakemm dawn ikunu konformi ma' dak li jiddetta r-regim legali f'cirkostanzi simili.

5. Illi kwantu ghall-hames talba l-esponenti topponi bil-qawwa kollha illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun kongunta. Tajjeb jinghad li minn dakinhar li twieled it-tifel sal-lum, l-imsemmi A B qatt ma acceda ghal dan it-tifel jew imqar provda l-minimu ta' manteniment jew wera l-minimu ta' interess fit-tifel in kwistjoni. Illi jekk dan isir ser ikun kontra l-interess tal-minuri u bi hsara kbira kemm materjali u fizika ghas-sahha tat-tifel. Dan japplika wkoll in kwantu jintalab li jkun hemm access ghat-tifel minuri, u dan qieghed jinghad fid-dawl tal-karattru instabbli u l-kondotta refrattarja tieghu in konnessjoni ma' reati ta' serq, u reati ohra li ser jigu indikati fil-perkors ta' din il-kawza.

6. Illi in kwantu ghal dak li qed jinghad dwar likwidazzjoni ta' manteniment, tajjeb li jinghad li l-esponenti hadet hsieb binha minuri ghal dawn is-snin wahedha, awtonomament minn kull manteniment li seta' jaghti l-missier, tant li qatt ma talbitu minkejja li l-attur qatt m'ghamel l-icken tentattiv biex jara x'inhuma l-htigijiet ta' l-imsemmi tifel sal-lum. lzda fi kwalunkwe kaz jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tillikwida xi forma ta' manteniment, ghandha fis-sentenza taghha wkoll tghaddi ghall-kundanna ta' hlas tal-manteniment hekk likwidat.

7. Illi ghall-bqija t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi risposti ohra."

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta matul l-udjenza tas-6 ta' Novembru 2014.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

Ikkonsidrat;

L-ewwel erba' talbiet tal-attur jirrigwardaw il-pretensjoni tieghu li huwa missier il-minuri, pretensjoni kontestata mill-konvenuta. L-ahhar tlett talbiet tal-attur huma sussidjarji ghall-ewwel erba' talbiet fis-sens illi jiddependi fuq l-akkoljiment o meno tal-ewwel erba' talbiet.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta tikkontendi illi r-rikors guramentat promoss mill-attur, in kwantu jinkludi talbiet dwar kura u kustodja u access ghall-minuri, huwa irritwali in kwantu ma hux precedut mill-procedura ta' medjazzjoni u l-eventwali awtorizzazzjoni gudizzjarja *a procedere*.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-Legislazzjoni Sussidjarja numru 12.20 hi tal-fehma illi ghall-ewwel erba' talbiet attrici ma huma mehtiega l-ebda proceduri ta' medjazzjoni jew awtorizzazzjoni tal-Qorti. Tali procedura tkun necessarja fl-eventwalita' li l-ewwel erba' talbiet jigu akkolti. Il-Ligi Sussidjarja 12.20 ma tipprovdiex dak li qed issostni l-konvenuta u ghalhekk il-Qorti tqis l-ewwel eccezzjoni taghha bhala priva minn fondament legali.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

L-ispejjez qed jigu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------